



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 22 ta' Ġunju 2010 (23.06)  
(OR. en)**

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2010/0074 (COD)**

---

---

**10626/2/10  
REV 2**

**POLGEN 87  
CODEC 519  
INST 190**

### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

ta': Kunsill Affarijiet Ġenerali

fi: 14 ta' Ġunju 2010

---

Nru prop. Cion.: COM (2010) 119 finali - 2010/0074 (COD)

---

Suġġett: Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini  
- Approċċ ġenerali

---

1. Fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali qabel dwar approċċ ġenerali, sakemm il-Parlament Ewropew jagħti l-opinjoni tiegħu, dwar abbozz ta' Regolament dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini.
2. It-test tal-abbozz ta' Regolament, kif jirriżulta mid-deliberazzjonijiet tal-Kunsill hu mniżżel fl-Anness. Iż-żidied għall-proposta oriġinali tal-Kummissjoni huma indikati b'tipa **GRASSA u SOTTOLINJATA** u t-tħassir huwa indikat b'tipa **NGASSATA**.
3. Franza, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju Unit u l-Litwanja għamlu dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kunsill.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24, l-ewwel paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>2</sup>,

Wara li kkonsultaw lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data<sup>3</sup>,

Waqt li jaġixxu b'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropew jirrinforza ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jsaħħa aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprovdi, fost oħrajn, li kull ċittadin għandu jkollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni u li mhux anqas minn miljun ċittadin li huma ċittadini ta' numru sinifikanti ta' Stati Membri jistgħu jieħdu l-inizjattiva li jistiednu lill-Kummissjoni Ewropea, fi ħdan il-qafas tas-setgħat tagħha, biex tissottometti kwalunkwe proposta adatta dwar kwistjonijiet fejn iċ-ċittadini jqisu li att legali tal-Unjoni huwa meħtieġ għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.
- (2) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropew jipprovdi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet għall-proċeduri u l-kondizzjonijiet meħtieġa għal tali inizjattiva taċ-ċittadini.
- (3) Dawn il-proċeduri u kondizzjonijiet għandhom ikunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura tal-inizjattiva taċ-ċittadini.
- (4) Għandhom jiżguraw ukoll li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu soġġetti għal kondizzjonijiet simili biex jappoġġaw inizjattiva taċ-ċittadini irrispettivament mill-Istat Membru li minnu jkunu ġejjin.

---

<sup>1</sup> ĠU C , , p. .

<sup>2</sup> ĠU C , , p. .

<sup>3</sup> ĠU C , , p. .

- (5) Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit in-numru minimu ta' Stati Membri li minnu jridu jkunu ġejjin iċ-ċittadini. Sabiex jiġi żgurat li l-inizjattiva taċ-ċittadini hija rappreżentattiva ta' interess tal-Unjoni, dan in-numru għandu jkun stabbilit għal terz tal-Istati Membri.
- (6) Għal dak il-fini, huwa adatt ukoll li jiġi stabbilit in-numru minimu ta' ċittadini li ġejjin minn kull wieħed minn daww l-Istati Membri. Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet simili għaċ-ċittadini biex jappoġġaw inizjattiva taċ-ċittadini, dawn in-numri minimi għandhom ikunu proporzjonali b'mod digressiv **kif previst fl-Artikolu 14(2) tat-TUE fir-rigward tan-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew għal kull Stat Membru.** [...] [...]

**Għall-fini tal-kalkolu tan-numru minimu ta' firmatarji f'kull Stat Membru, in-numru tal-Membri tal-Parlament Ewropew għal kull Stat Membru kif stabbilit fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew għall-perijodu leġislattiv 2009-2014, approvat politikament mill-Parlament Ewropew fil-11 ta' Ottubru 2007, u b'emenda waħda mill-Kunsill Ewropew matul il-Konferenza Intergovernattiva 2007<sup>4</sup>, għandu jiġi mmultiplikat b'fattur ta' 750.**

**Għall-fini taċ-ċarezza, dawn in-numri għandhom jiġu stabbiliti għal kull Stat Membru f'Anness għar-Regolament attwali. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li temenda dan l-Anness sabiex tirrifletti n-numri li jkunu jinsabu fi kwalunkwe Deċiżjoni futura tal-Kunsill Ewropew li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE.**

- (7) Huwa adatt li tiġi ffixxata età minima għall-appoġġ ta' inizjattiva taċ-ċittadini. Din għandha tiġi stabbilita bħala l-età li fiha ċ-ċittadini huma intitolati biex jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.
- (8) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza u t-trasparenza fir-rigward tal-inizjattivi taċ-ċittadini proposti, għandu jkun mandatorju li tali inizjattivi jiġu reġistrati fuq websajt ipprovduta mill-Kummissjoni qabel il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa miċ-ċittadini; proposti li jkunu abbużivi jew neqsin mis-serjetà m'għandhomx jiġu reġistrati u l-Kummissjoni għandha tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' proposti li b'mod ċar huma kontra l-valuri tal-Unjoni **jew li b'mod ċar jkunu barra l-ambitu tat-Trattati.** Il-Kummissjoni għandha tittratta r-reġistrazzjoni skont il-prinċipji ġenerali ta' amministrazzjoni tajba.
- (9) L-organizzatur ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta għandu jkun responsabbli għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa miċ-ċittadini.

**(9 a) Huwa adatt li tiġi stabbilita l-formola tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ fl-anness għal dan ir-Regolament, waqt li tiġi speċifikata d-data meħtieġa għall-finijiet tal-verifika mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tibqa' bis-setgħa li temenda dan l-Anness skont l-Artikolu 290 tat-Trattat, b'kont meħud tal-informazzjoni trasmessa lilha mill-Istati Membri.**

<sup>4</sup> Id-Dikjarazzjonijiet Nru 4 u 5 annessi għall-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li approvat it-Trattat ta' Lisbona.

- (10) Huwa adatt li jsir provvediment li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru f'forma kartaçja kif ukoll online. Is-sistemi ta' ġbir online għandu jkollhom karatteristiċi ta' sigurtà adegwati biex jiżguraw, fost oħrajn, li l-persuna tkun tista' tiġi identifikata u li d-data tinħażen b'mod sigur. Għal dan il-fini, il-Kummissjoni għandha tkun obbligata li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati għas-sistemi ta' ġbir online.
- (11) Huwa adatt li l-Istati Membri jivverifikaw il-konformità tas-sistemi ta' ġbir online mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament **qabel ma jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ.**
- (11 a) Il-Kummissjoni hija mħeġġa tippromwovi l-iżvilupp ta' open source software li jipprovdi l-karatteristiċi tekniċi u ta' sigurtà neċessarji għall-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament fir-rigward tas-sistemi ta' ġbir online.**
- (12) Huwa adatt li jiġi żgurat li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal inizjattiva taċ-ċittadini jinġabru f'perijodu ta' żmien speċifiku. Sabiex jiġi żgurat li l-inizjattivi taċ-ċittadini proposti jibqgħu rilevanti, filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità sabiex jinġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ madwar l-Unjoni Ewropea, dak il-perijodu ta' żmien m'għandux ikun itwal minn 12-il xahar mid-data tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva proposta.
- (13) Huwa adatt li l-Kummissjoni tieġu deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tal-inizjattivi proposti fi stadju suffiċjentement bikri. L-organizzatur għandu għalhekk jagħmel talba għal deċiżjoni wara li jkun għabar [...] **100.000** dikjarazzjon ta' appoġġ għall-inizjattiva proposta minn firmatarji ġejjin għall-anqas minn tliet Stati Membri.
- (14) Fi żmien perjodu ta' xahrejn wara li tirċievi t-talba mill-organizzatur, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tagħha. Inizjattiva taċ-ċittadini proposta għandha titqies ammissibbli jekk taqa' taħt il-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni u tikkonċerna materja fejn att legali tal-Unjoni jista' jiġi adottat għall-iskop tal-implimentazzjoni tat-Trattati.
- (15) Huwa adatt li jiġi provdut li, fejn inizjattiva taċ-ċittadini tkun irċeviet id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji u sakemm tkun meqjusa ammissibbli, kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miċ-ċittadini ġejjin minn dak l-Istat. Filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, huma għandhom, f'perijodu ta' tliet xhur, iwettqu tali verifiki fuq il-bażi ta' kontrolli adatti **li jistgħu jiġu bbażati fuq kampjun aleatorju** u għandhom joħorġu dokument li jiċċertifika n-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ validi li jinkisbu.
- (16) L-organizzaturi għandhom jiżguraw li l-kondizzjonijiet rilevanti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu sodisfatti qabel jissottomettu l-inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni.
- (17) Il-Kummissjoni għandha teżamina inizjattiva taċ-ċittadini u tistabbilixxi l-konklużjonijiet tagħha, u l-azzjonijiet li biħsiebha tieġu b'rispons għaliha, f'perijodu ta' erba' xhur.

- (18) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data<sup>5</sup> tapplika b'mod sħiħ għall-ipproċessar ta' data personali li jsir fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. F'dan ir-rigward, huwa adatt li jiġi ċċarat li l-organizzatur ta' inizjattiva taċ-ċittadini u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huma l-kontrolluri tad-data fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 95/46/KE u li jiġi speċifikat il-perijodu massimu li għalih tista' tinħażen id-data personali miġbura għall-finijiet tal-inizjattiva taċ-ċittadini. Fil-kapaċità tagħhom bħala kontrolluri tad-data, l-organizzaturi jridu jieħdu l-miżuri kollha adatti biex jikkonformaw mal-obbligi imposti mid-Direttiva 95/46/KE, b'mod partikolari dawk relatati mal-legalità tal-ipproċessar, is-sigurtà tal-attivitajiet tal-ipproċessar u l-provvediment tal-informazzjoni u d-drittijiet tas-suġġetti tad-data biex jaċċessaw id-data personali tagħhom kif ukoll il-korrezzjoni u t-tħassir tad-data personali tagħhom.
- (19) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tad-Direttiva 95/46/KE dwar rimedji ġudizzjarji, responsabbiltà u sanzjonijiet huma applikabbli b'mod sħiħ rigward l-ipproċessar tad-data li jsir fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. [...] L-organizzaturi ta' inizjattiva taċ-ċittadini huma responsabbli [...] skont il-liġi applikabbli għad-dannu li jistgħu jikkawżaw. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom iżguraw li l-organizzaturi huma soġġetti għal sanzjonijiet adatti għall-ksur ta' dan ir-Regolament [...].
- (20) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u dwar il-moviment liberu ta' din id-data<sup>6</sup>, huwa applikabbli b'mod sħiħ għall-ipproċessar tad-data personali mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (21) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-fini tal-emendar tal-Annessi għal dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti.
- (22) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tippovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni<sup>7</sup>.
- (23) Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament [...] tliet snin [...] mid-data tal-applikazzjoni [...].
- (24) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu, li jiddikjara li kulħadd għandu d-dritt għall-ħarsien tad-data personali fir-rigward tiegħu jew tagħha,

<sup>5</sup> ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

<sup>6</sup> ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

<sup>7</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

## ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### **Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-proċeduri u l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-inizjattiva taċ-ċittadini kif previst fl-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

### *Artikolu 2*

#### **Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "Inizjattiva taċ-ċittadini" tfisser inizjattiva, sottomessa lill-Kummissjoni skont ir-Regolament attwali, li tistieden lill-Kummissjoni, fil-qafas tas-setgħat tagħha, biex tissottometti kull proposta legali adatta dwar kwistjonijiet fejn iċ-ċittadini jqisu li att legali tal-Unjoni hu meħtieġ għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati, li rċeviet appoġġ ta' mill-anqas miljun firmatarju eliġibbli li ġejjin minn terz tal-Istati Membri kollha;
2. "Firmatarji" tfisser ċittadini tal-Unjoni li appoġġaw inizjattiva taċ-ċittadini partikolari billi mlew dikjarazzjoni ta' appoġġ għal dik l-inizjattiva;
3. "Organizzatur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika jew organizzazzjoni responsabbli għat-tnejja u sottomissjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni.

### *Artikolu 3*

#### **Rekwiżiti għall-organizzatur u għall-firmatarji**

1. Meta l-organizzatur huwa persuna fiżika, dik il-persuna għandha tkun ċittadin tal-Unjoni u tkun tal-età intitolata biex tivvota fl-elezzjonijiet Ewropej.

Meta l-organizzatur huwa persuna ġuridika jew organizzazzjoni din għandha tkun stabbilita fi Stat Membru. L-organizzazzjonijiet li m'għandhomx personalità ġuridika taħt il-liġi nazzjonali applikabbli għandu jkollhom rappreżentanti li **jissodisfaw l-istess rekwiżiti bħal dawk għal persuni fiżiċi kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu u** jkollhom il-kapaċità li jassumu obbligi legali f'isimhom u jassumu r-responsabbiltà.

**Il-Kummissjoni tista' titlob lill-organizzatur biex jipprovi prova adatta li r-rekwiżiti t'hawn fuq ġew sodisfatti.**

2. Sabiex ikunu jistgħu jappoġġaw inizjattiva taċ-ċittadini proposta, il-firmatarji għandhom ikunu ċittadini tal-Unjoni u tal-età intitolati biex jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej.

*Artikolu 4*  
**Reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta**

1. Qabel ma jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji għal inizjattiva taċ-ċittadini proposta, l-organizzatur għandu jkun obligat li jirreġistraha mal-Kummissjoni, filwaqt li jipprovdi l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II, b'mod partikolari dwar is-suġġett u l-oġettivi kif ukoll dwar is-sorsi ta' finanzjament u appoġġ għall-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.

Din l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, f'reġistru online li jkun disponibbli għal dak il-fini mill-Kummissjoni (minn issa 'l quddiem "ir-reġistru"). **Wara r-reġistrazzjoni, l-organizzatur jista' jipprovdi l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta fir-reġistru f'lingwi uffiċjali oħrajn tal-Unjoni.**

2. Ħlief f'dawk il-każijiet previsiti fil-paragrafi 3 u 4, il-Kummissjoni għandha tirreġistra mingħajr dewmien l-inizjattiva proposta taħt reġistru uniku u tibgħat konferma lill-organizzatur.
3. L-inizjattivi taċ-ċittadini proposti li raġonevolment jistgħu jitqiesu mhux adatti minħabba li huma abbużivi jew mhux serji ma jgħux reġistrati.
4. Il-Kummissjoni għandha tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' inizjattivi taċ-ċittadini proposti li huma b'mod ċar kontra l-valuri tal-Unjoni, **kif imniżżel fl-Artikolu 2 tat-TUE, jew li b'mod ċar ikunu barra l-ambitu tat-Trattati.**
5. Inizjattiva taċ-ċittadini proposta li ġiet reġistrata għandha ssir pubblika fir-reġistru.

*Artikolu 5*  
**Proċeduri u kondizzjonijiet għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ**

1. L-organizzatur għandu jkun responsabbli għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji għal inizjattiva taċ-ċittadini proposta li tkun ġiet reġistrata skont l-Artikolu 4.

Għal dan il-fini jistgħu jintużaw biss formoli ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ li jikkonformaw mal-mudell stabbilit fl-anness III. L-organizzatur għandu jimla l-formoli kif indikat fl-anness III qabel ma jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji. L-informazzjoni mogħtija fil-formoli għandha tikkorrispondi mal-informazzjoni li hemm fir-reġistru.

2. L-organizzatur jista' jiġbor dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'forma kartacija jew elettronikament. Fejn id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru elettronikament, għandu japplika l-Artikolu 6.

**Għall-fini ta' dan ir-Regolament, id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, li ġew iffirmati elettronikament permezz ta' firma elektronika avvanzata, fit-tifsira tad-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kwadru tal-Komunità għall-firem elettroniċi<sup>8</sup>, għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħal dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'forma kartacija.**

3. Il-firmatarji huma obbligati li jimlew il-formoli tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ipprovduti lilhom mill-organizzatur. **Huma għandhom jindikaw data ta' identifikazzjoni personali fid-dikjarazzjoni ta' appoġġ, bl-eċċezzjoni tal-firmatarji li ġejjin minn Stat Membru elenkat fil-Parti A tal-formola fl-Anness III.**

**Lista ta' dokumenti/numri ta' identifikazzjoni ammessi fl-Istati Membri fejn l-indikazzjoni ta' din l-informazzjoni hija obligatorja, hija stabbilita fil-Parti B tal-formola fl-Anness III.**

Il-firmatarji jistgħu jappoġġaw inizjattiva taċ-ċittadini proposta partikolari, darba waħda biss.

- 3. a L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni kwalunkwe tibdil għall-informazzjoni li tinsab fl-Anness III, inklużi l-partijiet A u B tiegħu. B'kont meħud ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati, skont l-Artikolu 16 u soġġett għall-kondizzjonijiet tal-Artikoli 17 u 18, emendi għall-Anness III, inklużi l-partijiet A u B tiegħu.**

4. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha għandhom jinġabru wara d-data tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva proposta u f'perijodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar.

#### *Artikolu 6*

#### *Sistemi ta' ġbir online*

1. Fejn id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru elettronikament, id-data li tinkiseb online permezz tas-sistema ta' ġbir online għandha tinħażen fit-territorju ta' Stat Membru.

**Is-sistema ta' ġbir online għandha tiġi ċċertifikata skont il-paragrafu 3 fl-Istat Membru li fih ser tinħażen id-data miġbura permezz tas-sistema ta' ġbir online. L-organizzatur iista' juża sistema ta' ġbir online waħda għall-fini tal-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'diversi Stati Membri jew fl-Istati Membri kollha.**

Il-mudell għall-formoli tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jista' jiġi adattat għall-fini tal-ġbir elettroniku.

---

<sup>8</sup> ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12.

2. **L-organizzatur għandu jiżgura li s-sistema ta' ġbir online użata għall-kollezzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4.**

Qabel ma jingħata bidu għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji, **l-organizzatur għandu jitlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti**, biex jiċċertifika li s-sistema ta' ġbir online użata għal dak il-fini tikkonforma ma' **dawk** [...] id-dispożizzjonijiet [...].

L-organizzatur jista' [...], **jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ permezz tas-sistema ta' ġbir online biss ladarba jkun kiseb iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 3. L-organizzatur għandu jagħmel kopja ta' dak iċ-ċertifikat u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web użat għas-sistema ta' ġbir online.**[...]

3. Fejn is-sistema ta' ġbir online tikkonforma mad-dispożizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti rilevanti għandha, fi żmien xahar, toħroġ ċertifikat skont il-mudell stabbilit fl-Anness IV. [...]

L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu iċ-ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra.

4. Is-sistemi ta' ġbir online għandu jkollhom fis-seħħ karatteristiċi ta' sigurtà u tekniċi adegwati biex jiżguraw li:

a. huma l-persuni fiżiċi biss li jistgħu jissottomettu formola ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ online;

[...]

c. id-data provduta online tinħażen b'mod sigur, biex jiġi żgurat, fost oħrajn, li ma tkunx tista' tiġi modifikata jew użata għal xi fini ieħor ħlief bħala appoġġ għal inizjattiva taċ-ċittadini partikolari, u biex ikun hemm protezzjoni kontra tħassir aċċidentali jew kontra l-liġi jew li tintilef b'mod aċċidentali, tinbidel jew li jkun hemm żvelar jew aċċess mhux awtorizzat.

d. is-sistema tista' tiġġenera dikjarazzjonijiet ta' appoġġ individwali f'formola li tikkonforma mal-mudell stabbilit fl-Anness III, sabiex tippermetti l-kuntroll mill-Istati Membri, skont l-Artikolu 9(2).

5. Fi żmien [...] **9** xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 4, skont il-proċedura regolatorja stabbilita fl-Artikolu 19(2).

## Artikolu 7

### *Numru minimu ta' firmatarji għal kull Stat Membru*

1. Il-firmatarji ta' inizjattiva taċ-ċittadini għandhom ikunu ġejjin mill-anqas minn terz tal-Istati Membri.
2. F'terz tal-Istati Membri, il-firmatarji għandhom jikkonsistu f'mill-anqas in-numru minimu ta' ċittadini stabbilit fl-Anness I, **ikkalkulat abbażi tan-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew għal kull Stat Membru kif stabbilit fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew għall-perijodu leġislattiv 2009-2014, approvat politikament mill-Parlament Ewropew fil-11 ta' Ottubru 2007, u b'emenda waħda mill-Kunsill Ewropew matul il-Konferenza Intergovernattiva 2007<sup>9</sup>, immultiplikata b'fattur ta' 750.**
3. **Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti delegati, skont l-Artikolu 16 u soġġetta għall-kondizzjonijiet tal-Artikoli 17 u 18, aġġustamenti għall-Anness I sabiex tirtirifletti n-numri li jkunu jnsabu fi kwalunkwe Deċiżjoni futura tal-Kunsill Ewropew li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(2) TUE. Tali aġġustamenti għandhom japplikaw biss għal inizjattivi ta' ċittadini proposti li ġew irreġistrati skont l-Artikolu 4 wara d-dħul fis-seħħ tal-aġġustament.**
- [...] 4. Il-firmatarji għandhom jitqiesu li ġejjin mill-Istat Membru li **huwa responsabbli għall-verifika tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ tiegħu/tagħha skont l-Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu** [...]

## Artikolu 8

### *Deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta*

1. Wara li jkun għabar **100.000** [...] dikjarazzjoni ta' appoġġ skont l-Artikoli 5 mill-firmatarji li jkunu ġejjin għall-anqas minn tliet Stati Membri, l-organizzatur għandu jissottometti lill-Kummissjoni talba għal deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta. Għal dan il-għan, l-organizzatur għandu juża l-formola stabbilita fl-Anness V.
2. Il-Kummissjoni, fi żmien xahrejn minn mindu tirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 1, għandha tiegħu deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tagħha. L-inizjattiva taċ-ċittadini proposta għandha titqies ammissibbli jekk tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:
  - a. tikkonċerna kwistjoni fejn att legali tal-Unjoni jista' jiġi adottat għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati; u
  - b. taqa' taħt il-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni biex tagħmel proposta.
3. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi notifikata lill-organizzatur tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta u għandha tiġi pubblikata.

<sup>9</sup> Id-Dikjarazzjonijiet Nru 4 u 5 annessi għall-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li approvat it-Trattat ta' Lisbona.

## Artikolu 9

### **Dispożizzjonijiet għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-Istati Membri**

1. Wara li jkun għabar id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji skont l-Artikoli 5 u 7, u sakemm il-Kummissjoni tkun iddeċidiet li inizjattiva taċ-ċittadini proposta hija ammissibbli skont l-Artikolu 8, l-organizzatur għandu jippreżenta d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, f'forma kartaċja jew f'forma elettronika, lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti previsti fl-Artikolu 14 għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni. Għal dan il-fini l-organizzatur għandu juża l-formola stabbilita fl-Anness VI **u għandu jissepara d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin f'forma kartaċja, dawk li ġew iffirmati elettronicament permezz ta' firma elettronika avvanzata u dawk miġburin permezz ta' sistema ta' ġbir online.**

L-organizzatur għandu jistabbilixxi d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-Istat Membru **rilevanti** [...] **kif ġej:**

- **lill-Istat Membr li ħareġ dokument/numru ta' identifikazzjoni indikat fid-dikjarazzjoni ta' appoġġ, dment li l-Istat Membru kkonċernat mhuwiex elenkat fil-parti B tal-formola fl-Anness III, jew**
  - **fil-każijiet l-oħrajn kollha, lill-Istat Membru ta' residenza jew ta' ċittadunanza tal-firmatarju kif speċifikat fil-Parti A tal-formola fl-Anness III, jew indikat fid-dikjarazzjoni ta' appoġġ.**
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, f'perijodu li m'għandux jaqbeż it-tliet xhur, minn **meta t-talba tiġi rċevuta**, jivverifikaw d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ipprovduti abbażi ta' kontrolli adatti, **skont il-liġi u l-prattika nazzjonali, kif adatt.** [...] **Abbażi ta' dan huma għandhom jagħtu lill-organizzatur ċertifikat skont il-mudell stabbilit fl-Anness VII, li jiċċertifika n-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ validi għal dak l-Istat Membru.**

**Għall-fini tal-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, l-awtentikazzjoni tal-firem m'għandhiex tkun meħtieġa.**

3. Iċ-ċertifikat previst fil-paragrafu 2 għandu jinħareġ bla ħlas.

## Artikolu 10

### **Sottomissjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni**

Wara li jkun kiseb iċ-ċertifikati previsti fl-Artikolu 9(2), u sakemm il-proċeduri u l-kondizzjonijiet rilevanti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu ġew irrispettati, l-organizzatur jista' jissottometti l-inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni.

Għall-fini ta' dan l-artikolu, l-organizzatur għandu jagħmel użu mill-formola stabbilita fl-Anness VIII u għandu jissottometti l-formola mimlija flimkien mal-kopji, f'forma kartaċja jew f'forma elettronika, taċ-ċertifikati msemmija fl-ewwel paragrafu hawn fuq.

**L-organizzatur għandu jissottometti wkoll l-informazzjoni dwar il-finanzjament u l-appoġġ kollu rċevut għall-inizjattiva taċ-ċittadini.**

[...]

*Artikolu 11*  
**Proċedura għall-eżami ta' inizjattiva taċ-ċittadini  
mill-Kummissjoni**

1. Meta l-Kummissjoni tirċievi inizjattiva taċ-ċittadini skont l-Artikolu 10 hija għandha:
  - a. tippubblika l-inizjattiva taċ-ċittadini mingħajr dewmien fuq il-sit web tagħha;
  - b. teżamina l-inizjattiva taċ-ċittadini u, fi żmien 4 xhur, tistabbilixxi f'komunikazzjoni l-konklużjonijiet tagħha dwar l-inizjattiva, l-azzjoni li biġsiebha tiegħu, jekk ser tiegħu, u r-raġunijiet għalfejn biġsiebha tagħmel dan.
2. Il-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(b) għandha tiġi nnotifikata lill-organizzatur tal-inizjattiva taċ-ċittadini kif ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha tiġi pubblikata.

*Artikolu 12*  
**Protezzjoni ta' data personali**

Fl-ipproċessar tad-data personali skont ir-Regolament, l-organizzatur ta' inizjattiva taċ-ċittadini u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru għandhom jirrispettaw id-Direttiva 95/46/KE u d-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din.

Għall-finijiet tal-ipproċessar rispettiv minnhom tad-data personali, l-organizzaturi ta' inizjattiva taċ-ċittadini u l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 14(2) għandhom jitqiesu bħala kontrolluri tad-data skont l-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 95/46/KE.

L-organizzatur għandu **jiżgura li d-data personali miġbura għal inizjattiva taċ-ċittadini partikolari ma tintużax għal kwalunkwe fini ieħor ħlief dak tal-appoġġ indikat għal dik l-inizjattiva u għandu** jeqred id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ li jirċievi għal **dik** l-inizjattiva [...] u kull kopja tagħha mhux aktar minn xahar wara li jissottometti dik l-inizjattiva lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10 jew 18-il xahar mid-data tar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta, skont liema taħbat l-ewwel.

**L-awtorità kompetenti għandha tuża d-data personali li hija tirċievi għal inizjattiva taċ-ċittadini partikolari biss għall-fini tal-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ skont l-Artikolu 9 (2) u għandha teqred id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha u l-kopji tagħhom kollha l-aktar tard xahar wara l-ħruġ taċ-ċertifikat imsemmi f'dak l-Artikolu.**

[...]

L-organizzatur għandu jimplementa miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jipproteġi d-data personali kontra distruzzjoni aċċidentali jew illegali jew telf aċċidentali, tibdil, żvelar jew aċċess mhux awtorizzat, partikolarment meta l-ipproċessar jinvolvi t-trasmissjoni ta' data fuq network, u kontra kull forma oħra illegali ta' pproċessar.

Artikolu 13

Responsabbiltà

**L-organizzaturi għandhom ikunu responsabbli għad-dannu li huma jikkawżaw fl-organizzazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini skont il-liġi applikabbli.**

Artikolu 13a

Sanzjonijiet

[...]

- 1 L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzaturi [...] għandhom ikunu [...] **soġġetti għal sanzjonijiet adatti** [...] għal ksur ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari għal:
- a. dikjarazzjonijiet foloz li jsiru mill-organizzaturi;

[...]

- b [...]. l-użu frodulenti tad-data.

**2. Dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.**

Artikolu 14

Awtoritajiet kompetenti fi ħdan l-Istati Membri

1. Għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 6(3), l-Istati Membri għandhom jaħtru awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat previst f'dan l-Artikolu.
2. Għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 9(2), kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti responsabbli waħda għall-koordinazzjoni tal-proċess ta' verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u għall-ħruġ taċ-ċertifikati previsti f'dan l-Artikolu.
3. Mhux aktar tard **mid-data tal-applikazzjoni** [...] ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jgħaddu l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti lill-Kummissjoni.
4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista tal-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 15*  
***Emendar tal-Annessi***

Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati skont l-Artikoli 16, 17 u 18, emendi għall-Annessi ta' dan ir-Regolament. **L-emendi permezz ta' atti delegati tal-Annessi I u III għandhom jiġu adottati skont l-Artikoli 5 u 7.**

*Artikolu 16*  
***Twettiq tad-delega***

1. Is-setgħat għall-adozzjoni tal-atti delegati msemmijin fl-Artikolu 15 għandhom jiġu konferiti lill-Kummissjoni għal perijodu ta' żmien indeterminat.
2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
3. Is-setgħat għall-adozzjoni ta' atti delegati għandhom jiġu konferiti lill-Kummissjoni soġġetti għall-kondizzjonijiet imniżżlin fl-Artikoli 17 u 18.

*Artikolu 17*  
***Revoka tad-delega***

1. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 15 tista' tiġi revokata mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi kwalunkwe ħin.
2. L-istituzzjoni li bdiet proċedura interna sabiex jiġi deċiż jekk tiġix irrevokata d-delega tas-setgħat għandha tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni, f'perijodu ta' żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, billi tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu s-suġġett tar-revoka kif ukoll ir-raġunijiet possibbli għal revoka.
3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ immedjatement jew f'data ulterjuri speċifikata hemmhekk. Din m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li huma diġà fis-seħħ. Din għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 18*  
***Oġġezzjonijiet għall-atti delegati***

1. Il-Parlament Ewropew [...] **jew** il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat f'perijodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika. B'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew il-Kunsill dan il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahar.

2. Jekk, meta jiskadi dak il-perijodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-atti delegati, dan għandu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data mniżżla hemmhekk.

L-atti delegati jistgħu jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħlu fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal att delegat, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għalfejn oġġezzjonat għall-att delegat.

#### *Artikolu 19*

##### ***Kumitat***

1. Għall-fini tal-implementazzjoni tal-Artikolu 6(5), il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna minn kumitat.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'konsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu mniżżel fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

#### *Artikolu 20*

##### ***Notifika ta' miżuri nazzjonali***

Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet speċifiċi li jadotta sabiex jimplementa dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha tinforma bihom lill-Istati Membri l-oħra.

#### *Artikolu 21*

##### ***Klawsola ta' reviżjoni***

[...] **Tliet** snin wara d-**data ta' applikazzjoni** [...] ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 22*  
***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin għurnata wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**Huwa għandu japplika tmax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ.**

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## ANNEX I

### Numru minimu ta' firmitarji għal kull Stat Membru

Awstrija	14250
Belġju	16500
Bulgarija	13500
Ċipru	4500
Repubblika Ċeka	16500
Danimarka	9750
Estonja	4500
Finlandja	9750
Franza	55500
Ġermanja	72000
Greċja	16500
Ungerija	16500
Irlanda	9000
Italja	54750
Latvja	6750
Litwanja	9000
Lussemburgu	4500
Malta	4500
Pajjiżi l-Baxxi	19500
Polonja	38250
Portugall	16500
Rumanija	24750
Slovakkja	9750
Slovenja	6000
Spanja	40500
Svezja	15000
Renju Unit	54750

## ANNEX II

### Informazzjoni meħtieġa għar-reġistrazzjoni ta' inizzjattiva taċ-ċittadini

L-informazzjoni segwenti għandha tkun ipprovduta sabiex tiġi reġistrata inizzjattiva taċ-ċittadini proposta fir-reġistru tal-Kummissjoni:

1. It-titolu tal-inizzjattiva taċ-ċittadini proposta f'mhux aktar minn 100 karattru;
2. Is-suġġett, f'mhux aktar minn 200 karattru;
3. Deskrizzjoni tal-oġġettivi tal-proposta li fuqha l-Kummissjoni hija mistiedna taġixxi, f'mhux aktar minn 500 karattru;
4. Id-[...] **dispożizzjonijiet** tat-Trattati li **l-organizzatur iqis** li jippermettu lill-Kummissjoni li taġixxi **(mhux obbligatorji)**;
5. L-isem komplut, l-indirizz postali u l-indirizz tal-posta elettronika tal-organizzatur jew, fil-każ ta' entità ġuridika jew organizzazzjoni, tar-rappreżentant legali tagħha;
7. Is-sorsi kollha ta' finanzjament u appoġġ għall-inizzjattiva proposta fil-ħin tar-reġistrazzjoni.

L-organizzaturi jistgħu jipprovdu aktar informazzjoni dettaljata dwar is-suġġett, l-oġġettivi u l-isfond tal-inizzjattiva taċ-ċittadini proposta f'anness. Jekk jixtiequ, jistgħu wkoll jippreżentaw abbozz ta' test legiſlattiv.

## ANNEX III

### Formola tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ

Kaxxa 1: *(trid timtela minn qabel mill-organizzatur)*

1. Numru tar-reġistrazzjoni tal-Kummissjoni\*:
2. Data tar-reġistrazzjoni\*:
3. Indirizz elettroniku tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta fuq ir-reġistru tal-Kummissjoni\*:

Kaxxa 2: *(trid timtela minn qabel mill-organizzatur)*

1. Titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta\*: *(massimu ta' 100 karattru)*
2. Suġġett\*: *(is-suġġett għandu jkun ċar kemm jista' jkun) (massimu ta' 200 karattru)*
3. Deskrizzjoni tal-oġġettivi ewlenin tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta\*: *(massimu ta' 500 karattru)*
4. L-isem u l-indirizz tal-organizzatur\*:
5. Sit web tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta:

**Kaxxa 3: (trid tintela mill-firmatarju)**

1. Isem il-firmatarju\*:

Isem Komplut\*: .....

Kunjom\*: .....

Isem fil-mument tat-twelid (fejn applikabbli) .....

Isem il-Missier (obbligatorju għall-Greċja u l-Bulgarija)

2. Indirizz\*:

Triq, numru u kodiċi postali\*: .....

Belt\*: ..... Pajjiż\*: .....

3. Data tat-twelid\*: ..... Post tat-twelid\*: ..... Pajjiż tat-twelid\*: .....

4. Ċittadinanza\*: .....

5. Indirizz elettroniku: .....

6. Data ta' Identifikazzjoni Personali\*, ħliet fil-każijiet elenkati fil-parti A ta' din il-formola.

Jekk jogħġbok indika biss dokument/numru ta' identifikazzjoni wieħed kif indikat fil-Parti B ta' din il-formola.

Tip ta' numru/dokument ta' identifikazzjoni:

a) Karta tal-identità ta' ċittadin jew residenti  Numru .....  
JEW

b) Passaport  Numru .....  
JEW

c) Numru/dokument ta' identifikazzjoni ieħor  Speċifika ..... Numru .....  
Stat Membru li ħareġ in-numru/id-dokument ta' identifikazzjoni\*: .....  
Awtorità Emittenti: .....

**Kaxxa 4:**

Jien hawnhekk niċċertifika li l-informazzjoni pprovduta f'din il-formola hija korretta u li jien appoġġajt din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta darba biss\*.

Data u firma tal-firmatarju\* ♦: .....

**Dikjarazzjoni dwar il-privatezza: Skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 95/46/KE, id-data personali pprovduta f'din il-formola ser tintuża biss għall-fini tal-verifika u ċ-ċertifikazzjoni tan-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ validi rċevuti għal din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, prevista fl-Artikolu 9 tar-Regolament xxxx/xxxx. Id-data ma tistax tintuża għal finijiet oħrajn. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha ser jinqerdu l-aktar tard fi żmien 18-il xahar wara d-data ta' reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.**

\*: *obbligatorji*

♦: *il-firma mhix obbligatorja meta l-formola tintbagħat elettronikament mingħajr firma elettronika.*

## PARTI A

Lista' ta' Stati Membri li ma jeħtiġux data ta' identifikazzjoni personali addizzjonali ħlief dik imniżżla fil-punti 1-5 tal-Kaxxa 3.

<b>Stat Membru</b>	<b>Firmatarji li d-dikjarazzjoni ta' appoġġ tagħhom għandha tiġi ppreżentata lill-Istat Membru kkonċernat</b>
<b>Danimarka</b>	- residenti fid-Danimarka - Ċittadini Daniżi li jirresjedu barra 'l pajjiż jekk ikunu nformaw l-awtoritajiet nazzjonali dwar il-post ta' residenza
<b>Irlanda</b>	- residenti fl-Irlanda
<b>Pajjiżi l-Baxxi</b>	- residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi
<b>Finlandja</b>	- residenti fil-Finlandja - Ċittadini Finlandiżi li jirresjedu barra 'l pajjiż
<b>Renju Unit</b>	- residenti fir-Renju Unit
<b>Slovakkja</b>	- residenti fis-Slovakkja

## PARTI B

Lista ta' numru/dokument ta' identifikazzjoni; kif indikat fil-punt 6 tal-Kaxxa 3, li wieħed minnhom għandu jkun indikat fil-formola tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ:

### AWSTRIJA

- Reisepass (passaport)
- Personalausweis (karta tal-identità)

### BELĠJU

- Carte d'identité / identiteitskaart (karta tal-identità)
- Passeport / paspoort (passaport)
- Numéro d'identification du registre national / identificatienummer van het Rijksregister (numru ta' identifikazzjoni tar-Reġistru Nazzjonali)

## **BULGARIJA**

- Единен граждански номер (Numru ċivili uniku)

## **ĊIPRU**

- Δελτίο Ταυτότητας (karta tal-identità ta' ċittadin jew resident)
- Διαβατήριο (passaport)

## **REPUBBLIKA ĊEKA**

- Obcansky prukaz (karta tal-identità nazzjonali)
- Cestovní pas (passaport)

## **ESTONJA**

- Isikukood (kodiċi ta' identifikazzjoni personali)
- Karti tal-identità
- Karta tal-identità diġitali
- Passaport
- Kotba tal-ivvjaġġar tal-baħħara
- Dokumenti tal-ivvjaġġar temporanji
- Ċertifikati ta' rekord ta' servizz fuq vapuri Estonjani
- Ċertifikati ta' ritorn u permessi ta' ritorn

## FRANZA

- Passeport (passaport)
- Carte nationale d'identité (karta tal-identità nazzjonali)
- Titre de séjour (permess ta' residenza)
- Permis de conduire (liċenzja tas-sewqan)
- Oħrajn:
  - Carte d'identité de parlementaire avec photographie, délivrée par le président d'une assemblée parlementaire (karta tal-identità ta' membru parlamentari b'ritratt, maħruġa mill-President ta' Assemblea Parlamentari);
  - Carte d'identité d'élu local avec photographie, délivrée par le représentant de l'Etat (karta tal-identità ta' deputat lokali b'ritratt, maħruġa mir-rappreżentant tal-Istat);
  - Carte du combattant de couleur chamois ou tricolore (dokument ta' suldat kulur isfar fil-kannella jew bi tliet kuluri);
  - Carte d'invalidité civile ou militaire avec photographie (dokument ta' invalidità ċivili jew militari b'ritratt);
  - Carte d'identité de fonctionnaire de l'Etat avec photographie (karta tal-identità ta' funzjonarju tal-Istat b'ritratt);
  - Carte d'identité ou carte de circulation avec photographie, délivrée par les autorités militaires (karta tal-identità jew karta ta' ċirkolazzjoni b'ritratt, maħruġa mill-awtoritajiet militari);
  - Permis de chasser avec photographie, délivré par le représentant de l'Etat (permess tal-kaċċa b'ritratt, maħruġ mir-rappreżentant tal-Istat);
  - Livret ou carnet de circulation, délivré par le préfet en application de la loi n° 69-3 du 3 janvier 1969
  - Récépissé valant justification de l'identité, délivré en échange des pièces d'identité en cas de contrôle judiciaire, en application du neuvième alinéa (7°) de l'article 138 du code de procédure pénale ;
  - Attestation de dépôt d'une demande de carte nationale d'identité ou de passeport, délivrée depuis moins de trois mois par une commune et comportant une photographie d'identité du demandeur authentifiée par un cachet de la commune (Attestazzjoni ta' talba għal karta tal-identità nazzjonali jew passaport, maħruġa fi żmien tliet xhur minn *commune* u li fiha ritratt tal-identità tal-applikant awtentikat minn timbru tal-*commune*).

## ĠERMANJA

- Personalausweis (karta tal-identità)
- Pass (passaport)

## **GREĊJA**

- Δελτίο Αστυνομικής Ταυτότητας (karta tal-identità)
- Διαβατήριο (passaport)
- Βεβαίωση Εγγραφής Πολιτών Ε.Ε./Εγγραφο πιστοποίησης μόνιμης διαμονής πολίτη Ε.Ε. (ċertifikat ta' residenza/ċertifikat ta' residenza permanenti)

## **UNGHERIJA**

- személyazonosító igazolvány (karta tal-identità)
- útleveél (passaport)
- személyi azonosító szám (személyi szám) – (numru ta' identifikazzjoni personali)

## **ITALJA**

- Passaporto (passaport), inclusa l'indicazione dell'autorità di rilascio (inkluza l-awtorità emittenti)
- Carta di identità (karta tal-identità), inclusa l'indicazione dell'autorità di rilascio (inkluza l-awtorità emittenti)

## **LATVJA**

- Personas kods (numru ta' identifikazzjoni personali)

## **LITWANJA**

- Asmens kodas (numru personali) fil-karta tal-identità
- Asmens kodas (numru personali) fil-passaport
- Asmens Kodas

## **LUSSEMBURGU**

- Numéro d'identification national (numéro inscrit sur la carte d'identification de la Sécurité sociale) - [Numru ta' identifikazzjoni personali (numru miktub fuq il-karta ta' identifikazzjoni tas-sigurtà soċjali)]
- Carte d'identité (karta tal-identità)
- Passeport (passaport)

## **MALTA**

- Karta tal-identità

## **POLONJA**

- Numer ewidencyjny PESEL

## **PORTUGALL**

- Bilhete de identidade (karta tal-identità)
- Passaporte (passaport)
- Cartão de Cidadão (karta taċ-ċittadin)

### **RUMANIJA**

- carte de identitate (carte d'identité) - (karta tal-identità)
- pasaport (passeport) - (passaport)
- certificat de inregistrare (certificat d'enregistrement) - (ċertifikat ta' reġistrazzjoni)
- cartea de rezidenta permanenta pentru cetatenii UE (carte de résidence permanente) - (karta ta' residenza permanenti)
- Cod Numeric Personal (numéro personnel d'identification) - (numru personali ta' identifikazzjoni)

### **SLOVENJA**

- Osebna izkaznica (karta tal-identità)
- Potni list (passaport)

### **SPANJA**

- Documento Nacional de Identidad (karta tal-identità)
- Pasaporte (passaport)

### **SVEZJA**

- Personnummer (numru ta' identifikazzjoni personali) fil-karta tal-identità
- Personnummer (numru ta' identifikazzjoni personali) fil-passaport

## ANNEX IV

### Ċertifikat li jikkonferma l-konformità ta' sistema ta' ġbir online mar-Regolament XXXX/XXXX

[...] (numru tal-awtorità kompetenti) ta' [...] ( isem tal-Istat Membru), hawn jiċċertifika li s-sistema ta' ġbir online [...] (indirizz tas-sit web) li jintuża għall-ġbir elettroniku tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għall-inizjattiva taċ-ċittadini [...] hu konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament xxxx/xxxx.

Data, firma u timbru uffiċjali tal-awtorità kompetenti:

## ANNEX V

### Formola ta' talba għal deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta

1. Titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini\*:
2. Numru tar-reġistrazzjoni tal-Kummissjoni\*:
3. Data tar-reġistrazzjoni\*:
4. Numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura\*:
5. Numru ta' firmatarji għal kull Stat Membru\*:

	BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	IT	CY	LV	LT	LU
Numru ta' firmatarji															
	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	UK	TOTAL		
Numru ta' firmatarji															

6. Jiena hawnhekk niddikjara li l-informazzjoni provduta f'din il-formola hija korretta.

Data u firma tal-organizzatur\*:

\*: obbligatorji

## ANNEX VI

### Formola għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri

1. L-isem komplut, l-indirizz postali u l-indirizz tal-posta elettronika tal-organizzatur jew, fil-każ ta' entità jew organizzazzjoni ġuridika, tar-rappreżentant legali tagħha\*:
2. Titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini\*:
3. Numru tar-reġistrazzjoni tal-Kummissjoni\*:
4. Data tar-reġistrazzjoni\*:
5. Data tat-talba għal deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà\*:
6. Numru ta' firmatarji li ġejjin minn [isem tal-Istat Membru]\*:
7. Annessi\*:  
(Inkludi d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha mill-firmatarji li jkunu speċifikaw [...] data ta' identifikazzjoni personali [...].  
Jekk applikabbli, inkludi ċ-ċertifikat(i) rilevanti li jiċċertifika(w) [...] il-konformità tas-sistema ta' għbir online mar-Regolament xxxx/xxxx)
8. Data u firma tal-organizzatur\*:

\*: obbligatorji

## ANNEX VII

### Ċertifikat li jikkonferma n-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ validi miġbura għal [...] (numru tal-Istat Membru)

[...] (isem tal-awtorità kompetenti) ta' [...](isem l-Istat Membru), wara li għamlet il-verifika neċessarja mitluba mill-Artikolu [...] 9 tar-Regolament xxxx/xxxx, hawnhekk tiċċertifika li [...] id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għall-inizjattiva taċ-ċittadini bin-numru ta' reġistrazzjoni [...] huma validi skont id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament [...].

Data, firma u timbru uffiċjali tal-awtorità kompetenti:

## ANNEX VIII

### Formola għas-sottomissjoni ta' inizjattiva ta' ċittadini lill-Kummissjoni

1. Titolu tal-inizjattiva ta' ċittadini\*:
2. Numru tar-reġistrazzjoni tal-Kummissjoni\*:
3. Data tar-reġistrazzjoni\*:
4. Numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ eliġibbli miġbura\*: (*għandu jkun [...] **mill-inqas miljun***)
5. Numru ta' firmatarji ċertifikati mill-Istati Membri\*:

	BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	IT	CY	LV	LT	LU
Numru ta' firmatarji															
	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	UK	TOTAL		
Numru ta' firmatarji															

6. L-isem komplut, l-indirizz postali u l-indirizz tal-posta elettronika tal-organizzatur jew, fil-każ ta' entità jew organizzazzjoni ġuridika, tar-rappreżentant legali tagħha:

**6a. Indika s-sorsi kollha ta' finanzjament u appoġġ riċevuti għall-inizjattiva:**

7. Jiena hawnhekk niddikjara li l-informazzjoni provduta f'din il-formola hija korretta.

Data u firma tal-organizzatur\*:

8. Annessi\*:  
Inkludi ċ-ċertifikati kollha

\*: obbligatorji